# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 759/17JRM**

**WORLD WATER FISHERIES LIMITED (C – 24129)** u Andrea Martina Limited (C – 41309)

vs

**DIRETTUR RESPONSABBLI MIS-SAJD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Awwissu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpanniji attriċi jitolbu li din il-Qorti (1) ssib li l-għemil tad-Direttur imħarrek – li bis-saħħa tiegħu issospenda l-liċenzja tal-bastimenti '*MDL 5*' u '*Progres*', u li fiżikament iżomm iż-żewġ bastimenti u ma jirralaxxhomx – bħala wieħed *ultra vires* billi huma deċiżjonijiet abbużivi u mhux raġonevoli, u wkoll minħabba l-fatt li d-Direttur imħarrek ma għandux is-setgħa fil-liġi li jżomm fiżikament il-bastimenti, u dan bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) issib li l-kumpanniji attriċi

ġarrbu danni minħabba l-imsemmi għemil; (3) tillikwida d-danni mġarrba minnhom; u (4) tikkundanna lill-imħarrek iħallas d-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Settembru, 2017[1], li bih ordnat in-notifika lid-Direttur imħarrek u tat direttivi lill-kumpanniji attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-10 ta' Ottubru, 2017, li biha d-Direttur imħarrek laqa' għat-talbiet attriċi billi, preliminarjament, jgħid li (1) l-azzjoni hija improponibbli għaliex hija bbażata fuq żewġ deċiżjonijiet differenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin, għaldaqstant iż-żewġ atturi kellhom imexxu b'kawżi għal rashom; (2) li d-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur jidhru li jagħmlu minn dokument wieħed u mhux minn żewġ kuntratti, u għalhekk l-atturi jmisshom jirregolaw irwieħhom; (3) safejn l-azzjoni attriċi tolqot id-deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-liċenzja tal-bastiment '*Progres*', l-azzjoni waqgħet biż-żmien ta' sitt xhur skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12; (4) safejn l-azzjoni titlob ir-rilaxx tal-bastiment '*Progres*', l-azzjoni hija improponibbli billi tali għemil ma jikkostitwix '*egħmil amministrattiv*' skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12; u (5) kemm-il darba l-kumpanniji attriċi ma qablux mal-interpretazzjoni mogħtija mid-Dipartiment imħarrek għad-degriet tal-Qorti jew kienu tal-fehma li d-Direttur naqas li jeżegwixxi d-degriet tal-Qorti, setgħu jitolbu kjarifika mill-Qorti jew jitolbu li jinstab ħati ta' disprezz, ħaġa li naqsu li jagħmluha. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-fatti huma differenti minn kif stqarruhom l-atturi, u li hu mexa mas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi. Jisħaq li ma kkawża ebda dannu lill-atturi w għaldaqstant ma għandu jwieġeb għall-ebda talba għad-danni;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2017[2], li bih ordnat li ssir trattazzjoni ta' l-ewwel erba' eċċezzjonjiet preliminari mressqa mid-Direttur imħarrek;

Rat ix-xhieda w id-dokumenti mressqa quddiemha mill-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' April, 2018[3], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur imħarrek fid-29 ta' Mejju, 2018[4];

[1] Paġġ. 16 u 17 tal-proċess
[2] Paġ. 44 tal-proċess
[3] Paġ. 99 tal-proċess
[4] Paġġ. 101 sa 111 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-6 ta' Lulju, 2018[5], tal-kumpanniji attriċi bi tweġiba għal dik tad-Direttur imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm mill-abbli avukati tal-partijiet[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Iż-żewġ kumpanniji attriċi, jilmentaw mill-aġir tad-Direttur tas-Sajd (min issa 'l quddiem imsejjaħ 'id-Direttur') meta żammhom milli jagħmlu użu mill-bastimenti tagħhom mingħajr ma tahom l-ebda raġuni tajba fil-liġi għal x'wasslu biex jagħmel hekk u b'dannu kbir għalihom. Jitolbu li l-Qorti, wara li ssib ħtija fl-aġir tad-Direttur, tillikwida d-danni mġarrba w tikkundannah iħallashom tagħhom;

Illi d-Direttur jilqa' kemm b'eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari jgħid li l-azzjoni ma saritx sewwa billi hija msejsa fuq żewġ deċiżjonijiet differenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin, għaldaqstant iż-żewġ atturi kellhom imexxu b'kawżi għal rashom dwar kull deċiżjoni; (2) li d-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur jidhru li jagħmlu minn dokument wieħed u mhux minn żewġ kuntratti, u għalhekk l-atturi jmisshom jirregolaw irwieħhom; (3) safejn l-azzjoni attriċi tolqot id-deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-liċenzja tal-bastiment '*Progres*', l-azzjoni waqgħet biż-żmien ta' sitt xhur skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12; u (4) safejn l-azzjoni titlob ir-rilaxx tal-bastiment '*Progres*', l-azzjoni hija improponibbli billi tali għemil ma jikkostitwix '*egħmil amministrattiv*' skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet oħrajn;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala fatti rilevanti, mill-atti jirriżulta li l-attriċi World Water Fisheries Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'WWF') hija sidt il-bastiment

[5] Paġġ. 115 sa 125 tal-proċess
[6] Paġ. 127 tal-proċess

'*MDL 5*'[7], filwaqt li l-attriċi Andrea Martina Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'AM'), hija sidt il-bastiment '*Progres*'[8];

Illi f'Mejju 2014, il-bastiment '*Progres*' ġie liċenzjat mal-Awtoritajiet Maltin għall-attivitajiet esklussivament għall-akkwakultura sabiex ikun jista' jirmonka gaġeġ tat-tonn[9];

Illi f'Mejju 2016, WWF bdiet il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-bastiment '*MDL 5*' mal-Awtoritajiet kompetenti f'Malta[10], iżda f'Settembru, 2016, irtirat l-istess proċeduri[11];

Illi jirriżulta li fuq il-bastiment '*Progres*' kienu saru modifiki mingħajr ma ġew mgħarrfa b'dan l-Awtoritajiet. Jirriżulta wkoll li '*Progres*' kien qed iġorr ammont ta' karburant meta dan ma kienx awtorizzat li jġorru[12]. Minħabba dawn ir-raġunijiet, fit-13 ta' Frar, 2017, id-Direttur żamm il-bastiment u l-liċenzja ġiet sospiża, u tnedew proċeduri kontra AM[13]. Id-deċiżjoni tad-Direttur ġiet mgħarrfa lill-Avukat tal-fiduċja ta' AM fis-16 ta' Frar 2017, u lir-rappreżentant ta' AM fit-23 ta' Frar, 2017[14];

Illi fil-5 ta' April, 2017[15], WWF daħlet fi ftehim ta' kirja tal-bastiment '*MDL 5*' ma' Mare Blu Tuna Farm sabiex jintuża għal għanijiet loġistiċi ta' għajnuna w appoġġ tul l-istaġun tas-sajd għat-tonn ta' dik is-sena;

Illi fl-10 ta' Mejju, 2017, il-bastiment '*MDL 5*' daħal fil-port ta' Malta mill-Eġittu[16]. Fl-istess jum[17], saret spezzjoni fuqu mill-awtoritajiet li minnha ħareġ li ma kienx liċenzjat bħala bastiment tajjeb għas-sajd, dan minkejja li kien dikjarat minn WWF bħala "*MFD Vessel*"[18]. Dan wassal biex id-Direttur joħroġ ordni biex il-bastiment jinżamm milli jbaħħar, u nbdew proċeduri kontra WWF[19] ukoll;

Illi fl-24 ta' Mejju, 2017[20], il-Qorti tal-Maġistrati awtorizzat ir-rilaxx tal-bastiment '*Progres*' kontra l-ħlas ta' garanzija. Jirriżulta li d-Direttur irrilaxxja l-bastiment iżda mhux it-tagħbija[21];

[7] Dok. "RC1" f'paġ. 53 tal-proċess
[8] Dok. "RC2" f'paġ. 54 tal-proċess
[9] Dok. "RC 5" f'paġġ. 58 sa 59 tal-proċess
[10] Dok. "RC1" f'paġ. 53 tal-proċess
[11] Dok. "RC3" f'paġ. 55 tal-proċess
[12] Dok. "A" sa "C" f'paġġ 87 sa 94 tal-proċess.
[13] Dok. "RC 8" f'paġ. 65 u Dok. "RC6" f'paġġ. 60 sa 61 tal-proċess
[14] Dok. "DS 3" f'paġ. 70 u Dok. "AFF1" f'paġġ. 71 u 72 tal-proċess
[15] Dok. "A" f'paġġ. 6 sa 9 tal-proċess
[16] Dok. "RC 4" f'paġġ. 56 sa 57 tal-proċess
[17] Dok. "DS1" f'paġ. 26 sa 41 tal-proċess
[18] Dok. "RC 4" f'paġġ. 56 sa 57 tal-proċess
[19] Ara l-affidavit ta' Randall Caruana f'paġ. 50 tal-proċess
[20] Dok. "RC10" f'paġ. 68 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Randall Caruana f'paġ. 77 tal-proċess

Illi WWF u AM ressqu protest ġudizzjarju u xlew lid-Direttur b'aġir mhux xieraq u talbuh jersaq għall-ħlas ta' danni ta' mija u tlieta u disgħin elf u tmien mitt euro (€193,800) flimkien ma' danni oħrajn[22]. Id-Direttur laqa' għax-xiljiet b'kontro-protest imressaq minnu fl-1 ta' Awwissu, 2017, fejn ċaħad li għemilu kien jikser il-liġi[23];

Illi fis-17 ta' Awwissu, 2017, il-kumpanniji attriċi fetħu din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li din il-Qorti jeħtiġilha tagħmel ilkoll jirrigwardaw aspetti proċedurali marbuta mas-siwi tal-atti tal-kawża f'dak li jirrigwarda l-mod kif tressqet, iż-żmien li fih saret u wkoll dwar jekk l-azzjoni li tressqet hijiex maħsuba għall-għamla ta' għemil kontestat;

Illi l-ewwel kunsiderazzjoni hija dik dwar **jekk it-talba attriċi kif magħmula saritx sewwa**. Bl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, id-Direttur jgħid li l-azzjoni ma setgħetx issir kif saret għaliex imsejsa fuq żewġ deċiżjonijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin, u għalhekk kull waħda mill-kumpanniji attriċi messhom mexxew b'kawża għal rasha. L-imħarrek ikompli jgħid li l-atturi ressqu azzjoni kollettiva[24], imma jisaħq li l-atturi ma qagħdux għal dak li trid il-liġi f'każ bħal dan billi d-deċiżjonijiet li l-atturi qed jitolbu li jiġu annullati huma maqtugħa għal kollox minn xulxin u ma jista' jkollhom ebda effett fuq xulxin. Jisħaq li l-mertu huwa differenti l-waħda mill-oħra u li l-provi wkoll m'għandhomx x'jaqsmu ma xulxin[25];

Illi l-possibilità li tista' titressaq azzjoni kollettiva kien ġie prospettat w aċċettat fis-sistema proċedurali tagħna sa minn bosta snin ilu, fejn kienu saħansitra ġew iffissati l-parametri jew ħtiġijiet li riedu jkunu applikabbli biex tali azzjoni setgħet titqies tiswa. Dan il-jedd ta' azzjoni kollettiva kien imdaħħal fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1985 f'artikolu 156A tal-Kodiċi. L-imsemmi artikolu tneħħa fil-bidliet li seħħew fil-proċedura fl-1995, imma dispożizzjonijiet minnu (rilevanti għall-kwestjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum) tqegħdu fl-artikolu 161 kif inhu llum. Ġie deċiż li biex tista' ssir azzjoni kollettiva, hu meħtieġ mhux biss illi l-kwestjoni li trid tkun riżolta tkun l-istess għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll li l-interess mislut mit-titolu u l-għan tal-kawża jkun l-istess għalihom ukoll. Fi kliem ieħor, azzjoni kollettiva titqies ammissibbli kull darba li numru ta' persuni jipproponu azzjoni sabiex jirrisolvu kwestjoni ta' dritt uniku w identiku w ikun eskluż *a priori* illi mir-riżoluzzjoni

---

[22] Dok. "C" u "D" f'paġġ. 10 u 15 tal-proċess
[23] Dok. "D" f'paġġ. 13 u 14 tal-proċess
[24] Art. 161(3) tal-Kap 12
[25] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur imħarrek f'paġ. 105 tal-proċess

tal-istess kwestjoni, f'sens jew ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkostanza ta' fatt speċjali għall wieħed jew għall-ieħor minn fosthom[26];

Illi l-effett ta' nuqqas ta' konkorrenza ta' dawn ir-rekwiżiti, flimkien mal-kontestazzjoni tal-parti mħarrka (mhux imqanqla mill-Qorti minn rajha) twassal biex l-att li bih tinfetaħ il-kawża jitqies null u l-azzjoni improsegwibbli. Madankollu ġie iċċarat li din l-identità meħtieġa tkun tirriżulta jekk l-azzjoni tkun mibnija fuq fatt illeċitu allegat a bażi tad-delitt jew kważi-delitt, minkejja li l-atturi jkollhom rabtiet kuntrattwali differenti (jew m'għandhom saħansitra l-ebda rabta kuntrattwali) mal-imħarrkin[27];

Illi meta aktar 'il quddiem iddaħħal fil-Kodiċi l-artikolu li ta jedd tal-azzjoni kollettiva formalment, ġie meqjus li lanqas kien għadu meħtieġ li l-atturi kollha jkollhom l-istess interess fil-kawża jekk kemm-il darba t-talbiet setgħu jkunu l-istess u joħorġu mill-istess ċirkostanzi[28]. Dan għaliex ġie mfisser li l-artikolu 156A kien maħsub biex iħaffef din l-għamla ta' azzjoni biex inaqqas l-ammont ta' kwestjonijiet fuq ħwejjeġ marbutin ma' xulxin, u minħabba li l-artikolu 156A innifsu kien jistabilixxi f'liema ċirkostanzi setgħet issir l-azzjoni kollettiva. Kif ingħad aktar 'il fuq, dawk ir-rekwiżiti huma llum imsemmija fl-artikolu 161(3);

Illi huwa biżżejjed li tkun tapplika waħda mill-kontinġenzi msemmija fl-artikolu 161(3) tal-Kodiċi sabiex l-azzjoni kollettiva tista' tinġieb 'il quddiem, dan dment li l-provi li jitressqu jkunu ġeneralment l-istess fil-kawżi kollha li kieku riedu jsiru. Min-naħa l-oħra, jekk azzjoni mibdija bħala kollettiva ma tkunx twettaq xi wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 161(3), taqa' sewwasew taħt iċ-ċensura tan-nullità kif maħsuba taħt l-artikolu 789(1)(a) marbuta mal-artikolu 156(1)(a) u 156(4) li jridu jitħarsu kif imiss;

Illi l-imħarrek jagħmel aċċenn qawwi għal dik il-parti tal-artikolu 161(3) tal-Kodiċi li tgħid li d-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża l-oħra. Huwa jgħid li d-deċiżjonijiet li huwa ħa biex iżomm il-bastiment '*MDL 5*' m'għandha x'taqsam xejn mad-deċiżjoni biex jissospendi l-liċenzja ta' '*Progres*' u l-fatt li ma setax jirrilaxja l-bastiment '*Progres*' meta kellu l-merkanzija maqbuda fuqu ma taffetwax lill-bastiment '*MDL 5*'. Jagħmel aċċenn ukoll għal dik il-parti tal-artikolu 161(3) tal-Kodiċi li tgħid li l-provi li jitressqu f'kawża jkunu ġeneralment l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża l-oħra, dan għaliex f'din il-kawża, il-provi li jagħtu piż lid-deċiżjoni li ħa d-Direttur huma għal kollox differenti minn xulxin f'kull waħda miż-żewġ kawżi;

---

[26] Ara P.A.**16.12.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Micallef noe*** (Kollez.Vol: **XXXVII.ii.810**)
[27] Ara App. Ċiv. **11.10.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et. vs Caruana Montalto et*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.371**)
[28] P.A. **4.6.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Buġeja*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.712**)

Illi min-naħa l-oħra, l-atturi jgħidu li ma hemmx kontradittorjetà jew nuqqas ta' kompatabilità bejn it-talbiet fir-rigwarda taż-żewġ bastimentu u fir-rigward tad-deċiżjonjiet meħudin mid-Direttur imħarrek. Id-deċiżjonijiet it-tnejn jolqtu bastimenti għas-sajd li ma tħallewx joperaw mill-imħarrek. Jisħqu li l-imħarrek jinstab fil-qagħda li jiddefendi lilu nnifsu sew tant li daħal fid-dettal fid-difiża tiegħu. Itennu li l-istadju tan-nullità jrid jirriżulta mill-premessi u t-talbiet u mhux mill-provi (li għadhom ma tressqux f'dan l-istadju bikri tal-kawża);

Illi l-Qorti tqis ukoll li s-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdien li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif ukoll jipprovdi l-proviso tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi. Kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ukoll fl-aħħar żminijiet, in-nuqqasijiet fl-att ġudizzjarju jridu jidhru mad-daqqa t'għajn u mill-mod kif l-att ikun imfassal, u l-eċċezzjoni tan-nullità ma tistax tintlaqa' jekk biex isir dan ikun irid isir eżami fil-mertu tal-kwestjoni;

Illi, min-naħa l-oħra, meta l-Qorti tqis is-siwi ta' att li bih tinfetaħ kawża ma tkun qegħda tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq il-fondatezza tal-mertu ta' dak hemm imsemmi. Kif ingħad diġà il-premessi li jippreċedu t-talbiet f'din il-kawża huma l-istess (u huma segwiti bi premessi oħrajn għal rashom fir-rigward ta' kull wieħed miż-żewġ bastimenti milquta), u dawn jeħtieġ li jiġi ippruvati: u ladarba huma l-istess, jeħtieġ li l-provi li jitressqu jkunu tajbin biżżejjed biex isostnu tali premessi u jkunu rilevanti, applikabbli u kompatibbli (fis-sens ta' mhux konfliġġenti) għalihom;

Illi jekk wieħed jifli r-rikors imressaq mill-atturi għandu jsib li dak li hemm komuni fiż-żewġ kawżi huwa l-fatt li d-deċiżjonijiet ittieħdu mill-istess imħarrek; u l-effett taż-żewġ deċiżjonjiet huwa dak li l-atturi ma jistgħux jagħmlu użu mill-bastimenti tagħhom. Huwa minnu li ż-żewġ deċiżjonijiet ittieħdu fuq medda ta' madwar xahrejn 'il bogħod il-waħda mill-oħra u, kif sewwa jgħid id-Direttur imħarrek, ir-raġunijiet li wasslu għat-teħid tagħhom huma differenti u d-deċiżjoni l-waħda ma tolqotx lid-deċiżjoni l-oħra, u t-tħassir tal-waħda ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-oħra. Iżda jibqa' l-fatt li l-qofol tal-azzjoni attriċi hija waħda – u jiġifieri l-istħarriġ ġudizzjarju tas-setgħat li nqeda bihom id-Direttur imħarrek taħt l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd[29] u jekk dawn twettqux bi ksur tal-liġi jew lil hinn mis-setgħat mogħtija. Għalhekk, is-sottomissjoni tal-imħarrek li l-atturi messhom fetħu żewġ kawżi għal rashom, waħda dwar kull bastiment milqut, ma

[29] Att. II tal-2001 (Kap 425)

jidhirx li hija ta' min jilqagħha meta qorti se jkollha, f'kull każ minnhom, tqis jekk id-Direttur inqediex sewwa bis-setgħat tiegħu biex wasal għad-deċiżjonijiet tiegħu dwar iż-żewġ bastimenti. Minbarra dan, il-kundizzjonijiet imfissra hawn fuq dwar liema huma ċ-ċirkostanzi li fihom tista' titressaq kawża kollettiva jinsabu lkoll imħarsin f'dan il-każ[30];

Illi minbarra dan, f'każ li joħroġ li 'l quddiem ma jkunx aktar għaqli li ż-żewġ kawżi li nbdew flimkien jibqgħu hekk jinstemgħu, il-liġi tagħti lill-Qorti u wkoll lil xi wieħed mill-atturi li jingħata provvediment li bih il-kawżi jitmexxew għal rashom[31] bla ma b'hekk jintmiss is-siwi tal-azzjoni kollettiva li biha l-kawża tkun tressqet;

Illi, għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u ma jistħoqqilhiex tintlaqa' billi l-att li bih infetħet il-kawża u la huwa null u lanqas magħmul bi ksur ta' dak li trid il-liġi;

Illi bit-**tieni eċċezzjoni preliminari** tiegħu d-Direttur imħarrek jeċepixxi n-nuqqas ta' interess tal-kumpanniji attriċi minħabba li naqsu li jressqu l-kuntratti relattivi dwar kull wieħed mill-bastimenti milquta mid-deċiżjonijiet attakkati. B'din l-eċċezzjoni l-imħarrek ried ifisser li l-kumpanniji attriċi naqsu li juru l-interess ġuridiku tagħhom li jmexxu 'l quddiem l-azzjoni kollettiva tagħhom għaliex naqsu milli juru li l-eżitu ta' din il-proċedura tista' tkun ta' siwi għalihom għaliex għalkemm jgħidu li, minħabba d-deċiżjonijiet tal-imħarrek, huma ġarrbu telf minħabba li ma setgħux iwettqu kuntratti ta' kiri li daħlu fihom ma' terzi, baqgħu ma ressqux prova li kien hemm tabilħaqq kuntratti bħal dawn u li d-dokumenti li ressqu biex jidhru li huma żewġ kuntratti, huma meħuda mill-istess dokument;

Illi għal din l-eċċezzjoni l-atturi jwieġbu billi jgħidu li għalkemm seta' kien desiderabbli li, flimkien mar-Rikors Maħluf, jressqu kopji tal-kuntratti tal-kiri tal-bastimenti, in-nuqqas li jagħmli dan ma jġibx miegħu n-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kawża mibdija minnhom u lanqas in-nuqqas ta' siwi tagħha. Jekk 'il quddiem waqt is-smigħ tal-każ fil-mertu, l-atturi jibqgħu jew jagħżlu li ma jġibux 'il quddiem il-provi meħtieġa, il-konsegwenzi ma jkunux it-tħassir tal-att fuq in-nuqqas ta' siwi tiegħu, imma l-falliment tal-azzjoni attriċi fuq nuqqas ta' provi;

Illi l-Qorti fis-sewwa ma tifhimx ir-raġuni ta' din l-eċċezzjoni. Huwa minnu li l-liġi titlob li l-parti attriċi, flimkien mar-Rikors Maħluf, għandha ġġib id-dokumenti biex isaħħu t-talba[32]. Madankollu, mkien ma

[30] Ara, App. Ċiv. **29.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Beżżina et vs Joseph Vella et*** (mhix pubblikata) u P.A. JZM **31.5.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Samchrome FZE vs Danko Koncar*** § IV (appellata)
[31] Art. 161(4) tal-Kap 12
[32] Art. 156(2) tal-Kap 12

jingħad li n-nuqqas ta' tressiq ta' xi dokumenti jsarraf f'nuqqas ta' interess ġuridiku tal-istess parti attriċi fl-istess kawża. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod tidħol f'kummenti dwar x'jitlob l-interess ta' parti f'kawża, u ġeneralment, tgħid li s-sottomissjonijiet tal-imħarrerk f'dan ir-rigward huma ġabra xierqa tal-istess prinċipji. Imma l-Qorti tqis li n-natura tal-azzjoni attriċi hija espressament indikata mill-atturi bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-interess ġudizzjarju eminenti tal-kumpanniji attriċi f'din il-kawża huwa li jitolbu li jsir l-istħarriġ ġudizzjarju dwar id-deċiżjonijiet li ħa l-imħarrek Direttur biex żammhom milli jinqdew biż-żewġ bastimenti: il-kwestjoni tad-danni hija pretensjoni sekondarja u subordinata għall-imsemmi stħarriġ u f'dan l-istadju bikri tal-kawża għadu kmieni wisq biex wieħed jitkellem dwar ħtija u danni. Għall-kuntrarju, ukoll mad-daqqa t'għajn, l-interess li ż-żewġ kumpanniji attriċi (bħala sidien tal-bastimenti) għandhom li jwaqqgħu d-deċiżjonijiet tad-Direttur imħarrek u jikkontestaw il-mod li bih ittieħdu jidher sewwa bħala wieħed attwali, ġuridiku u dirett, qawwi biżżejjed biex jirradika r-raġuni tal-azzjoni tagħhom;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u mhix se tintlaqa';

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis it-tielet eċċezzjoni preliminari, jidhrilha li jkun għaqli li qabel tqis ir-**raba' eċċezzjoni preliminari**, għaliex jekk din l-eċċezzjoni kellha titntlaqa' ma jkunx hemm għalfejn tistħarreġ l-eċċezzjoni ta' qabilha;

Illi bir-raba' eċċezzjoni tiegħu, id-Direttur imħarrek jgħid li, dwar il-bastiment "*Progres*", l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma toqgħodx għaliex din ma hija xejn aktar minn impunjazzjoni tal-eżekuzzjoni li huwa għamel wara l-għoti ta' degriet minn qorti. Jgħid li l-eżekuzzjoni ta' degriet jew provvediment maħruġ minn qorti ma jaqax taħt it-tifsira ta' "*egħmil amministrattiv*" kif maħsub taħt l-artikolou 469A(2) tal-Kodiċi. Jidher li din l-eċċezzjoni tintrabat mal-fatt li, għalkemm il-bastiment inħeles għaliex il-Qorti tal-Maġistrati hekk ordnat, l-attriċi sidt il-bastiment qiegħda tattakka l-fatt li t-tagħbija tal-karburant li nstabet abbord baqgħet konfiskata;

Illi għal din l-eċċezzjoni l-atturi jilqgħu billi jgħidu li jidher ċar li d-Direttur imħarrek jew ma qarax jew ma fehemx x'inhuma t-talbiet tagħhom. Huma jgħidu li fl-azzjoni mressqa minnhom, ma hemm l-ebda tismija tad-degriet tal-Qorti tal-Maġistrati u lanqas biss għandhom il-ħsieb li b'xi mod jattakkawh jew idaħħluh bħala parti mill-ilmenti li jridu li dwarhom isir stħarriġ ġudizzjarju f'din il-kawża;

Illi l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-"egħmil amministrattiv" li din il-Qorti tista' tistħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi "egħmil" bħala "l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità. .. .". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din[33];

Illi huwa stabilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorità pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorità. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[34];

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorità li tkun, u jekk kemm-il darba dik l-awtorità tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi din il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhijiex tajba. Fl-ewwel lok, ma jidhrilhiex li l-azzjoni attriċi dwar il-bastiment "*Progres*" tirrigwarda biss il-kwestjoni taż-żamma tal-karburant li nstab abbord, imma, għall-kuntrarju, d-deċiżjoni li ttieħdet mid-Direttur imħarrek biex iżommlu l-liċenza biex ibaħħar. Fit-tieni lok, il-fatt waħdu li fl-24 ta' Mejju, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat degriet li bih ordnat ir-rilaxx tal-"*Progres*" ma jġibx miegħu l-fatt li l-liċenza reġgħet ingħatatlu lura. Dan jafu wkoll l-istess Direttur imħarrek u biżżejjed wieħed jara l-premessa numru tmintax (18) tat-Tweġiba Maħlufa tiegħu biex wieħed jagħraf x'qed jgħid. Fit-tielet lok, iż-żamma ta' liċenza, bħall-ħruġ tagħha, hija waħda mill-għemejjel amministrattivi li dwarha tista' tinfetaħ azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Fir-raba' lok, ma huwiex minnu li l-azzjoni attriċi safejn tolqot lill-bastiment

[33] P.A. MCH **2.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***John Grech et vs Kummissarju tat-Taxxi*** (appellata)
[34] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

"*Progres*" infetħet biss dwar il-karburant li nstab abbord, imma hija sewwasew azzjoni li tattakka d-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenza tat-tbaħħir, kif inhu l-każ fir-rigward tal-bastiment l-ieħor;

Illi għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tqis li din l-eċċezzjoni jistħoqqilha tintlaqa' lanqas;

Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari** tiegħu, id-Direttur imħarrek jgħid li safejn l-azzjoni attriċi tolqot id-deċiżjoni dwar il-bastiment "*Progres*", l-azzjoni tressqet wara ż-żmien u ma tistax titkompla. Wara li jgħaddi rassenja mirquma ta' ġurisprudenza dwar iż-żmien ta' dekadenza biex parti tressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, id-Direttur jgħid li d-deċiżjoni li jżomm il-liċenza tal-"*Progres*" ittieħdet fi Frar tal-2017 u kienet komunikata lill-avukat tal-kumpannija attriċi fis-16 ta' Frar, 2017. Għalhekk, jgħid li l-kumpannija attriċi Andrea Martina Limited naqset li tiftaħ il-kawża dwar il-bastiment tagħha fiż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex fil-konfront tal-bastiment "*Progres*", il-kawża nfetħet jum tard;

Illi għal din l-eċċezzjoni l-kumpannija Andrea Martina Limited twieġeb billi tgħid li t-tagħrifa mibgħuta lill-avukat tagħha ma hijiex it-tagħrifa li kellha tintbagħat lilha u ż-żmien li fih kellha taħseb biex tressaq il-kawża kien jibda jgħodd minn dakinhar li ssir taf hi bid-deċiżjoni u mhux minn meta jsir jaf l-avukat tagħha. Kemm hu hekk, il-kumpannija tgħid li tant id-Direttur imħarrek kien jaf li l-ittra elettronika li bagħat lill-avukat tal-kumpannija ma kinitx tħares il-vot tal-liġi, li l-istess Direttur bagħat ittra lir-rappreżentant legali tagħha bl-istess tagħrif ġimgħa wara;

Illi hawnhekk ukoll, il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tintilef f'diskussjoni ġurisprudenzjali dwar it-terminu ta' dekadenza marbut mal-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Iż-żewġ partijiet jaqblu dwaru. Dak li ma jaqblux dwaru huma l-fatti ta' kif id-deċiżjoni attakkata twasslet lill-kumpannija attriċi sidt il-bastiment milqut. L-imħarrek jgħid li huwa bagħat jgħarraf lill-avukat tal-kumpannija attriċi għaliex dak kien l-indirizz li minnu ntbagħtet il-korrispondenza ta' qabel dwar din il-kwestjoni. Min-naħa l-oħra, il-kumpannija attriċi tisħaq li l-avukat tagħha mhuwiex rappreżentant legali tagħha u dak li jgħodd huwa meta fil-fatt saret taf bid-deċiżjoni meħuda;

Illi l-Qorti jidhrilha li s-serjetà li jitlob it-tħaris tat-termini ġudizzjarji tixhed ukoll apprezzament għaqli ta' dak li jkun ġara. Skond l-imħarrek, Andrea Martina Limited fetħet il-kawża jum tard wara s-sitt xhur li kellha biex tagħmel dan. Il-kumpannija attriċi tmieri dan għaliex tgħid li n-

notifika lilha ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni attakkata kienet ġimgħa wara li ntbagħat l-avviż lill-avukat tagħha;

Illi l-Qorti, fl-ewwel lok, tqis li l-avviż mibgħut lill-avukat tal-kumpannija attriċi ntbagħat ukoll ġimgħa wara lill-istess kumpannija. Jekk l-ewwel avviż mibgħut lill-avukat kien jiswa, ma tfissirx għaliex reġa' ntbagħat l-istess avviż lill-parti interessata ġimgħa wara. U jekk kien hemm indirizz fejn intbagħat l-avviż lill-kumpanija, ma ngħadx għaliex ma sarx hekk mill-ewwel. Fit-tieni lok, il-piż tal-prova li azzjoni tkun tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi jaqa' fuq min jallega li ż-żmien kien laħaq għalaq, u f'każ li jinħalaq dubju dwar din il-kwestjoni, dak id-dubju jmur favur il-parti attriċi u favur it-tempestività tal-azzjoni mibdija minnha[35]. Fit-tielet lok, jista' jagħti l-każ li d-Direttur imħarrek ma jgħidx sewwa dwar il-kalkolu taż-żmien li fih kellha titressaq il-kawża – ukoll kieku wieħed kellu jqis bħala siewi l-avviż mibgħut lill-avukat fis-16 ta' Frar, 2017 – għaliex f'dan ir-rigward tidħol fis-seħħ ir-regola proċedurali dwar it-termini, li titkellem dwar id-*dies a quo*, b'mod li f'każ ta' terminu li jibda jgħodd minn jum partikolari, dak il-jum ma jintgħaddx bħala mdaħħal f'dak iż-żmien[36];

Illi għalhekk, għalkemm il-Qorti tqis li l-atturi ma kellhomx għalfejn jitnikkru u jħallu sal-aħħar jum biex jiftħu l-kawża, issib li ma ntweriex li tabilħaqq il-kawża fir-rigward tad-deċiżjoni li laqtet lill-bastiment "*Progres*" tressqet wara li kien għalaq iż-żmien utli biex isir dan;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u mhix se tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari** tad-Direttur imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi kif imressqa tiswa, tressqet f'waqtha, tolqot l-għamla ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mitlub li jsir u l-kumpanniji attriċi wrew li għandhom l-interess ġuridiku attwali u legali biex iressquha;

**Tordna** li d-Direttur imħarrek iħallas l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza; u

[35] App. Ċiv. **9.6.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Inguanez et vs Testa et*** (Kollez. Vol: **XLII.i.351**) (li, għalkemm tirrigwarda t-tempestività ta' azzjoni ta' ritrattazzjoni, tgħodd għal dan il-każ ukoll minħabba li t-terminu mogħti f'azzjoni bħal dik huwa wkoll wieħed ta' dekadenza)
[36] Art. 102 tal-Kap 12

**Tordna** li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Marzu, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' Marzu, 2020**